MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 337/2007/1

**Bonnici Brothers Limited**

**vs**

**Kunsill Lokali Ħamrun**

**Il-Qorti**

**Rat** li fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-sewenti sentenza:-

"Il-Qorti

Rat l-Avvizipprezentat fil-25 t'Ottubru tas-sena 2007 fejn is-socjeta' Bonnici Brothers Limited talbet illi l-Qorti tordna lill-Kunsill Lokali tal-Hamrun ihallas is-somma ta' elfejn seba' mija u erbghin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm2740.96) ossia erbat elef seba' mija u sebghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€4770.46) bilanc minn somma akbar rapprezentanti xoghlijiet imwettqa mill-istess

socjeta' mittenti ai termini ta' tender bl-isem Tender for the resurfacing of various roads in Hamrun;

Bl-ispejjes inkluz tal-prezenti, kif ukoll tal-ittra ufficjali datata l-25 ta' Lulju 2007 kontra l-Kunsill Lokali konvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, il-Kunsill Lokali konvenut huwa wkoll ingunt in subizzjoni;
Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun illi eccepiet, l-ewwel u qabel kollox illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva ghaliex il-Kunsill qed jistenna l-konkluzjoni ta' rapport sabiex jigi ccertifikat xoghol maghmul mis-socjeta' attrici u l-istess socjeta' giet infurmata b'dan permezz ta' ittra ufficjali datata 22 t'Awwissu 2007;

Subordinatament il-Kunsill minghajr pregudizzju ghall-premess li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti a dannu ta'detriment ghall-Kunsill eccipjenti u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes;

**<u>Provi</u>**

Rat illi fil-5 ta'Marzu tas-sena 2008 xehed **Etienne Attard** bhala Assistant Administration Manager tas-socjeta' Bonnici Brothers Ltd fejn dan qal illi fis-sena 2003 is-socjeta' attrici fuq talba tal-Kunsill Lokali kienet ghamlet xi xoghlijiet f'diversi toroq fosthom fi Triq id-Duluri, Hamrun fejn is-socjeta' ghamlet is-surveys li kien hemm bzonn u f'Novembru tas-sena 2003 irrangat it-triq kif mitluba.

Wara li x-xoghol gie finalizzat u ma rcevew ebda lamentela fis-sena 2007 huma ghal darb'ohra talbu ghall-hlas tal-bilanc u dakinhar permezz ta' ittra datata 29 ta'Marzu 2007 il-Kunsill gharrafhom li "as you may be aware flooding problems had resulted following resurfacing works in Our Lady of Sorrows Street, Hamurn. To date Council is still receiving complaints from concerned residents, hence the Hamrun Local Council has decided to withold payments relating to resurfacing of Our Lady of Sorrows Street, Hamrun pending permanent solution of existing problem". Malli ra hekk Attard

ikkuntattja lill-Kunsill Lokali diversi drabi biex ikollu hlas tal-bilanc izda dan qatt ma sar.

Attard jghid illi l-ilmenti li semmew il-Kunsill issemmew l-ewwel darba fl-ittra tad-29 ta' Marzu 2007 u kien hemm hekk illi nfurmawh illi qed jistennew rapport tekniku dwar din it-triq u dwar soluzzjonijiet li jistghu jsiru. Dan ir-rapport kellu jsir mill-Kunsill, izda sad-data li nfethet il-kawza dan ir-rapport ma dahalx.

Fis-seduta tat-13 ta'Mejju 2008 xehed **Dr. Luciano Busuttil** bhala s-Sindku tal-Kunsill Lokali. Dr Busuttil li kien Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun sad-9 ta' Mejju 2008 meta eventwalment gie elett ghall-Parlament u ghalhekk ma setghax jibqa' jzomm il-kariga ta' Sindku qal illi l-mertu tal-kaz imur lura ghas-sena 2004 meta l-Kunsill kien hareg tendes ghal diversi toroq fil-Hamrun, fosthom Triq id-Duluri. Dan kienu xoghlijiet ta' resurfacing izda inqalghet problema.

Fil-kaz tat-Triq id-Duluri, il-problema principali, jghidilna Dr. Busuttil, kien jirrigwarda l-fatt li meta taghmel ix-xita tant kien jiinzel ilma, li l-ilma kien jahbat mal-bankina l-gdida li saret u kienet tidhol fir-residenza tas-sinjuri Alfred Bugeja illi joqghodu 19, Triq id-Duluri, Hamrun. Dr. Busuttil ikompli jghid illi hu ra b'ghajnejh illi ilma kien diehel sa zewg filati gholi fid-dar taghhom. Huwa kien ghalhekk gibed l-attenzjoni tas-socjeta konvenuta u l-kuntrattur kien qaxxar it-tarmac f'parti sostanzjali tat-triq u anke kien hemm bicca fejn ghalaqha bil-konkos u din ghadha maghluqa sallum u ghalhekk is-sitwazzjoni ghadha llum kif giet irrangata dak iz-zmien. Tant kien diehel ilma, kif jghidilna Dr. Busuttil, li l-familja Bugeja kienet kostretta taghmel gebel mal-bankina biex tilqa' l-ilmijiet li jidhlu fid-dar taghhom. Id-dar in kwistjoni hija dar fil-kantuniera ma' sqaq u anke l-isqaq kien affetwat mill-ilmijiet ghax infatti l-ilma kien jidhol fl-isqaq u jibqa' gewwa ma jiskulax il-barra. Dr Busuttil jishaq illi qabel ma l-kuntrattur ghamel ix-xoghlijiet qatt ma kien hemm problema ta' ilma f'din it-triq.

Dwar il-flus dovut, Dr. Busutil jghid illi peress illi huma kienu zammew il-flus u s-socjeta’ Bonnici Brothers riedet tithallas, il-Kunsill kien qabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jara jekk ix-xoghol sar skont is-sengha u l-arti u jivverifika jekk il-livelli tat-triq inzammewx ma’ dawk precedenti. Madanakollu sa meta xehed Dr Busuttil, jigifieri sat-13 ta’Mejju 2008 dan ir-rapport kien ghadu ma sarx. Il-Perit minnha mqabbad kien Samuel Formosa izda kien taghhom biss rapport verbali.

Dwar il-problemi illi kellhom is-sinjuri Bugeja, Dr. Busuttil jghid illi fit-28 ta’ Dicembru 2007, jigifieri wara li nfethet il-kawza kienet ghamlet hafna xita u ghalhekk mar jivverifika u hemm ra illi l-ilma kien ghadu qed jaqleb fid-direzzjoni tas-sinjuri Bugeja. Izda l-ammont ta’ ilma niezel ma kienx tali illi kien qed jaqbez il-bankina. Izda dan kien dovut mhux ghax giet irrangata l-bankina jistqarr Dr Busuttil izda ghaliex il-Kunsill ghamel culvert tal-ilma iktar il-fuq biex jigbor l-ilma li kien niezel minn Strada Rjali l-Hamrun. Kienu wkoll ghamlu xi pjanijiet ohra sabiex jimmiljoraw is-sitwazzjoni.

Dr. Busuttil jghid ukoll illi s-sinjuri Bugeja nterpellaw lill-Kunsill Lokali sabiex izommuh responsabbli ghad-danni kollha li kienu qeghdin isofru u kien minhabba f’hekk illi l-Kunsill Lokali zamm il-pagamenti ghaliex ma kienx sodisfatt bix-xoghol illi sar minn Bonnici Brothers. Jirrizulta wkoll li hemm xi haddiehor li ghandha l-problema wkoll bl-ilma fejn katusa issa giet taht il-livell tat-triq u allura meta taghmel ix-xita l-ilma jidhol ghandha.

Dr Busuttil jaghmel riferenza ghax-xoghlijiet riparattivi li ppruvaw jaghmlu s-socjeta’ rikorrenti fejn inqala’ parti mit-tarmac u sar konkos, u kien hemm ukoll parti mill-isqaq minn fejn beda johrog l-ilma illi is-sitwazzjoni giet irrangata u l-ilma ma baqax jinzamm. Fl-ahharnett dwar ix-xoghol li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti, Dr. Busuttil jikkonferma li dan sar wara li nhareg tender u ntrebhet mis-socjeta’ rikorrenti.

Xehed ukoll **Philip Massa** li kien dak iz-zmien is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun u li qal li

l-Kunsill Lokali tal-Hamrun fis-sena 2002 kien iddecieda li jaghmel resurfacing ta' diversi toroq u ghalhekk kienet harget sejha pubblika ghal dan il-ghan. Dan ix-xoghol kien jinkludi brix ta' toroq kif ukoll servizzi tal-ilma, bini ta' bankini godda u tarmak. Fost dawn it-toroq kien hemm ukoll Triq id-Duluri.

Is-socjeta' attrici kienet rebhitu dan il-kuntratt u tterminat ix-xoghol f'Settembru 2003. Il-contracts manager tal-Kunsill Lokali kien Robert Ciantar u fis-sena 2003 u permezz ta' ittra datata 22 ta' Settembru 2003 kien l-istess contracts manager li nforma lill-perit Reuben Aquilina li kien il-perit tas-socjeta' Bonnici Brothers, li gewwa Triq id-Duluri kien hemm riskontrati problemi u fosthom jghid "now that the roads have been effectively tested by the heavy rains it was quite evident that one particular resident was faced by water running into their property". Izid jghid "when inspecting the site in question, one immediately notes that at a particular point the road has a gradient which very much effectively forces surface water to run off to only one side of the road thus causing water level to rise only on the offending side, therefore the flooding". Fl-istess ittra l-istess contracts manager jitlob lil Bonnici Brothers sabiex isib soluzzjoni ghall-problema.

Il-Perit Aquilina fis-6 t'Ottubru tas-sena 2003 permezz ta' fax informa lill-istess Robert Ciantar, "we are studying the best solution to remedy the above mentioned situation". Is-socjeta' attrici ghamlet survey u l-problema kienet indikata fis-sena illi kien hemm parti mit-triq li kienet aktar baxxa quddiem ir-residenza tas-sinjuri Bugeja u mbaghad terga' titla'. Allura biex tissolva l-problema s-socjeta' attrici barxet il-parti tat-triq in disamina biex l-ilma li jinzel fit-triq jinqasam bejn iz-zewg nahat tat-triq u dan ix-xoghol tlesta f'Novembru 2003.
Massa jkompli jghid illi fis-sena 2004 l-Kunsill Lokali hareg il-pagamenti tal-kumplament tax-xoghlijiet filwaqt li gew infurmati li ser jinzammilhom il-pagament dovut ghal dik il-parti tat-triq li fiha gie riskontrat il-problema u dan skont ittra mibghuta lilhom fis-6 ta' Marzu, 2004 mill-istess contracts committee fejn fost affarijiet jghid "however it is to be noted that pending the technical report of the state

of affairs for works at Triq id-Duluri, monies due for the resurfacing works in the same stretch of road will be withheld indefinitely pending verification".

Massa jkompli jghid illi l-Kunsill qabbad il-Perit tieghu jigifieri Samuel Formosa, sabiex jaghmel ir-rapport u dan sa meta xehed is-sur Massa kien ghadu mhux lest.

Xehed ukoll permezz ta' Affidavit il-**Perit Reuben Aquilina** ili qal li huwa bhala l-perit tal-kumpanija Bonnici Brothers kien involut fil-progett bl-isem Resurfacing of Roads in Hamrun u wara li rebhet it-tender is-socjeta' rikorrenti, kien il-project manager tal-istess progett. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'tkissir ta' bankini ezistenti, bini ta' bankini godda, tqaxxir tal-wicc tat-triq u tqeghid ta' wicc ta' tarmac gdid. Ix-xoghol kollu kien sar wara li hu u l-project manager tal-Kunsill Lokali Robert Ciantar kienu jiltaqghu fuq il-post u jiddiskutu u jiftehmu dwar ix-xoghol li ghandu jsir. Dan ix-xoghol tlesta kollu s'Awwissu 2003 u jghid ukoll li waqt li kienu ghaddejjin bix-xoghol la kien hemm ilment la mill-Kunsill, la mir-residenti u lanqas minn xi awtorita.

Kien izda ghal habta ta' Settembru 2003 illi Robert Ciantar informa lill-Kunsill illi kien hemm problema b'dar partikolari gewwa Triq id-Duluri fejn kien qed jidhlilha l-ilma meta kienet qed taghmel ix-xita. Huwa stqarr illi kienu sorprizi hafna peress illi x-xoghol kollu sar bi qbil mal-Kunsill, izda madanakollu ddecidew li peress li kien ghad fadlilhom li jithallsu xi affarijiet isolvu l-problemi li hemm. Allura hadu s-surveyors taghhom fuq il-post, ghaddew is-survey lil Robert Ciantar u Robert Ciantar ddecieda li f'parti tat-triq jinqala' t-tarmac u naghtu wicc gdid tal-livell tal-konkos b'livelli godda. Dan sar u tlesta f'Novembru 2003. Xi xhur wara izda gew infurmati li din il-problema kienet ghada hemm u allura kienu qeghdin izommulhom il-pagamenti ta' dan ix-xoghol.

Wara li ghalqu l-provi s-socjeta' rikorrenti fil-5 ta' Gunju, 2009, il-Kunsill Lokali Hamrun esebixxi zewg affidavits, wiehed tal-Perit Samuel Formosa u l-iehor ta' Robert Ciantar. Il-**Perit Samuel Formosa** permezz ta' stqarrija

tieghu qal illi hu kien gie appuntat bhala perit sabiex jevalwa l-problema tax-xoghlijiet li saru fi Triq id-Duluri l-Hamrun u jghid illi “a glance at the levels of the srvey prepared by Bonnici reveals there is a hump in the corner of the site in question and there is a change in the existing road levels. As a consequence surface water run off is also gathering next to the corner in caption. This needs to be readjustes and addressed in order to avoid further flooding and other inconvenience to the dwelling located at 19, Triq id-Duluri, Hamrun”. Din kienet datata 28 t’Awwissu, 2008.

**Robert Ciantar** minn naha tieghu, fl-affidavit tieghu, jistqarr illi huwa kien contracts manager tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun u kellu jiehu hsieb jipprepara t-tender documents u jiggestixxi l-progett kollu. Stqarr illi x-xoghlijiet bdew f’Gunju 2003 u tlestew f’Awwissu tal-istess sena. Izda wara l-ewwel xita fis-sena 2003 kellhom gja ilmenti dwar ilma li dahal go residenzi ta’ xi nies u ghalhekk huwa ikkuntattja mill-ewwel lir-rikorrenti u nfurmahom b’dan permezz ta’ ittra datata 22 ta’ Settembru 2003 li l-Qorti gja ghamlet riferenza ghaliha qabel.

Meta mar fuq il-post sab illi kien hemm fond f’kantuniera fi Triq id-Duluri, Sqaq numru wiehed (1) fejn wara testijiet li saru rrizulta li l-ilma kien qed jaqleb fid-direzzjoni taghhom tad-dar. Ghamel allura kuntatt mas-socjeta’ rikorrenti biex jaghmlu survey fuq il-livelli u gie stabbilit li parti mit-triq li kienet ta’ fuq tal-istess triq kellha tinqala’ u ssir mill-gdid biex tigi rizolta l-problema tal-qlib.

Irrizulta wkoll illi meta sar is-survey tal-livelli kien hemm depression fil-kantuniera u ta dan huwa mill-ewwel informa lill-kuntrattur socjeta’ rikorrenti u madanakollu din il-problema ma gietx indirizzata mis-socjeta’ rikorrenti u minkejja li kien hemm weghda li kellhom jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali u dan kif jidher fax taghhom datata 13 t’Ottubru 2003 li tghid “we are studying the best solutions for the works needed in the same street”.

Huwa ghamel diversi tentattivi mal-kuntrattur sabiex isolvi din is-sitwazzjoni tant hu illi fit-8 t' Ottubru 2003 rega' qalilhom "I have been instructed by the Hamrun Local Council to inform you that should the said remedial works not commence by Friday 31st October 2003 the council would have no alternative than to employ third parties to carry out the works". Izda xorta wahda din is-sitwazzjoni ma gietx rizolta. Huwa stqarr illi s-socjeta' rikorrenti ippruvat taghmel xoghlijiet rimedjali u dan ghamlithom f'Novembru tat-2003 liema xoghlijiet saru infatti imbaghad lejn it-tielet gimgha tas-sena 2003.

Madanakollu skont Ciantar dak li kien propost ma kienx rimedju bizzejjed biex jitnehha l-inkonvenjent kollu u ghalhekk huwa ta parir lil Kunsill illi sakemm din il-problema ma tigix indirizzata u jigi eliminat l-inkonvenjent mahluq minhabba xoghol hazin, il-pagament ma kellux isir.

Fl-24 ta' Gunju, gew ipprezentati l-Affidavits ta' Alfred Bugeja u Lucy Bugeja. **Alfred Bugeja** illi joqghod fil-post 19, Triq id-Duluri Hamrun, huwa proprjetarju tal-fond illi fih qed jidhol l-ilma u dan stqarr illi f'Mejju, Gunju 2003 bdew ix-xoghlijiet fit-triq taghhom li kien jikkonsisti fi qlugh ta' parti tat-triq, jigifieri parti mit-triq id-Duluri biex imbaghad tigi asfaltata u x-xoghol tlesta wara xi tlett xhur li kien inbeda jigifieri ghall-habta ta' xi Awwissu, Settembru tal-istess sena.

Meta beda l-istagun tax-xita bdew il-problemi, infatti mal-ewwel xita qawwija li ghamlet cemplitli l-mara fost hafna paniku u qaltlu biex imur id-dar ghax kien diehel hafna ilma. Meta wasal id-dar sab lil mara u erba' minn nies ohra jitfghu l-ilma l-barra mid-dar peress illi kien diehel l-ilma mit-triq. Bugeja kien stqarr illi meta kien qed isir ix-xoghol kien avvicina wiehd mill-haddiema tal-kuntrattur li huwa r-rikorrent, fejn kien qallu illi kienu ser jaqalghu l-inkwiet ghaliex hu kellu t-targa tad-dar li kienet moghla sitt pulzieri u meta ghamlu x-xoghol din gabuha biss gholi ta' pulzier jigifieri kwazi ezatt mal-bankina. Madanakollu dan il-haddiem assigurani li ma kien ser jinqala' xejn izda l-ewwel xita rrizulta li ma kienx hekk.

Bugeja stqarr li kien ilmenta mal-Kunsill u li minn naha taghhom mill-ewwel hadu azzjoni, infatti gie l-kuntrattur, gie b'magna u qasmu t-triq min-nofs. Qalghu nofs it-triq ghat-tul kollu taghha u baxxewha, ghamlulha xibka u ksewha bil-konkos. It-triq hallewha nofsha tarmak u nofsha konkos. Bugeja jkompli jghid illi kantuniera mad-dar taghhom hemm sqaq u f'dik il-parti l-kuntrattur qaxxar kantuniera biex l-ilma tas-sqaq johrog minn dik il-parti li kien qaxxar. Dak kien ghamlu biex isolvi l-problema ta' dislivell bejn it-triq u l-isqaq peress illi t-triq giet ghola mill-isqaq. In konsegwenza ta' dan kollu l-ilma kollu tat-triq u tal-isqaq beda jigi kollu fuqna u eventwalment jidhol go fina. Nghid ukoll illi l-ilma kollu li gej minn diversi bnadi tal-Hamrun sa minn wara l-Knsija ta' San Gejtanu jinzel kollu ghal ghandhom.

Bugeja stqarr li biex jilqa' ghal din il-hsara kellu jinbarra d-dawra tal-bankina bil-gebel u nfatti hemm moghla filata biex jilqa' ghall-hsara li kellna,liema filati qieghed jikkawza nkonvenjent lill-haddiehor. Bhala hsarat Bugeja stqarr li kull meta dahal l-ilma kellhom hsarat konsiderevoli ghaliex l-ilma baqa' diehel sa gewwa nett tad-dar u l-bieb ta' barra kellhom jaghmluh mill-gdid ghax sar ghasra u anke l-ghamara u t-twapet ta' gewwa saritilhom il-hsara. Din kienet hsara li konna nsofruha regolarment kull meta taghmel xita qawwija u biex tigi protetta din is-sitwazzjoni quddiem il-bieb taghhom kellhom itellghu cint tal-gebel.

Bugeja stqarr ukoll illi sallum ma jistax jiccaqlaq mid-dar meta jkun ix-xita ghaliex dejjem jinkwieta fuq l-ilma li ser jidhollu. Fl-ahharnett dwar ix-xoghol ta' Bonnici, Bugeja jistqarr li waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet kienu hafna mill-girien li jigbdu l-attenzjoni tal-haddiema li kienu qeghdin isiru hsarat u li x-xoghol ma kienx qed isir sew. Biss biss jghidilna Bugeja kien hemm hafna kanen tal-ilma li kienu mikxufin fuq il-wicc tal-bankina ghaliex it-triq ma nqalghetx kif suppost u kienu qaxxru parti ta' fuq tat-triq u poggew saff irqiq u hafif ta asfalt fuqha.

Fis-26 ta' Jannar 2010 in kontro ezami Bugeja stqarr illi l-problema tal-ilma kienet ghada hemm sallum u stqarr

ukoll li bhala rizultat tax-xoghlijiet il-waqqaf tat-targa, jigifieri l-gholi tat-targa minn mal-art tnaqqas minn sitt pulzieri ghal ftit inqas minn pulzier. Stqarr ukoll illi meta gab il-perit tieghu dan infurmah illi bix-xoghlijiet illi saru t-triq tieghu saret wied ghax l-ilma kollu li kien qed jingabar wara l-Knisja ta' San Gejtanu jibqa' jinzel u jibqa' gej ghal ghandu.

Il-perit Samuel Formosa xehed in kontro ezami fis-26 ta'Marzu 2011 fejn ikkonferma li kien tqabbad sabiex jaghmel ir-rapport mill-Kunsill Lokali Hamrun u stqarr illi hu ma kienx il-perit tal-progett peress li kien hemm il-contracts manager Robert Ciantar. Ikkonferma wkoll li r-rapport li kellu jaghmel hu tlesta fis-sena 2008 u li hu kien tqabbad biex jara x'kienet illi qed twassal ghall-flooding gewwa xi proprjetajiet. Fl-ahharnett ikkonferma illi sa fejn jaf hu minn meta ghamel ir-rapport tieghu sallum ma sar l-ebda xoghol rimedjali.

Wara tali xhieda l-partijiet qabblu illi ma kienx baqa' xhieda ohra u allura hallew il-kawza ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Il-kawza odjerna tirrigwarda bilanc ta' pagament ghall-xoghlijiet maghmula mis-socjeta rikorrenti ghall-Kunsill Lokali tal-Hamrun, liema Kunsill Lokali, minn naha tieghu, kien qed jikkontesta illi ma sarux skont is-sengha u l-arti u ghalhekk ma kienx sar il-pagament kollu.

Il-Kunsill Lokali Hamrun infatti kienu qieghed jghid li, l-ewwel u qabel kollox, il-kawza kienet intempestiva peress illi kienu qed jistennew li jsir rapport dwar x'seta' jsir bhala xoghol rimedjali u dwar x'kienet il-problema. Imbaghad qal ukoll li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Jirrizulta mill-provi migbura li s-socjeta' rikorrenti kienet tqabbdet mill-Kunsill Lokali Hamrun wara illi kien hemm decizjoni biex tirranga diversi toroq fil-Hamrun stess, fejn l-istess socjeta attrici giet inkarigata permezz ta' tender biex taghmel diversi xoghlijiet f'diversi toroq fosthom fit-

Triq id-Duluri, Il-Hamrun fejn attwalment inqalghet il-problema kollha.

Il-kwistjoni illi wassal biex tinfetah din il-kawza quddiem din il-Qorti hija dovuta ghall-fatt illi meta s-socjeta' rikorrenti ghamlu x-xoghlijiet taghhom fis-sajf tas-sena 2003, liema xoghlijiet kienu jinkludu li jaqilghu it-tarmak, jaqilghu il-bankini u jaghmlu kollox mill-gdid, meta ghamlu dan ix-xoghol fit-Triq id-Duluri l-Hamrun, irrizulta li kien hemm proprjeta wahda, ossia l-proprjeta 19, Triq id-Duluri, Hamrun tas-sinjuri Alfred u Lucy Bugeja, li kien qed jidhlilhom l-ilma bhala rizultat ta' dana ix-xoghol.

Ghad-differenza ta' dak illi stqarr Etienne Attard fix-xhieda tieghu, fejn huwa qal illi l-ewwel ilment dahlitilhom fis-sena 2007, jirrizulta mix-xhieda u dokumentazzjoni, illi, meta saru x-xoghlijiet, is-socjeta' rikorrenti mill-ewwel giet infurmata illi, meta kienet ghamlet hafna xita, dahal hafna ilma fil-fond tas-sinjuri Bugeja. Dawn sussegwentement ghamlu xi xoghlijiet rimedjali f'Novembru tal-istess sena 2003 izda dawn ix-xoghlijiet rimedjali xorta ma waslu ghal xejn, tant hu hekk illi l-Kunsill Lokali, tramite l-contracts manager taghhom fis-6 ta' Marzu, 2004, infurmaw illi "*pending a technical report on the state of affairs tat-Triq id-Duluri monies due for resurfacing the same stretch of the road will be withheld indefinitely*".

Jirrizulta mill-provi illi t-technical report li sar riferenza ghalih fis-6 ta' Marzu 2004 attwalment gie prodott mill-perit mqabbad mill-Kunsill ossia minn Samuel Formosa fit-28 t'Awwissu, 2008 jigifieri iktar minn erba' snin wara u ftit anqas minn sena wara li giet ipprezentata l-kawza l-Qorti.

Ghandu jinghad ukoll illi permezz ta' ittra ufficjali datata 22 t'Awwissu 2007 il-Kunsill Lokali kienet infurmat lir-rikorrenti li malli jkollhom ir-rapport f'idejhom kienu jkunu jistghu jirregolaw ruhhom dwar x'kellu jsir.

Madanakollu, dwar l-intempestivita imqajjma mill-Kunsill Lokali, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi dana ma huwiex ghal kollox korrett, peress illi damu aktar minn erbgha snin sabiex tali rapport jigi ffinalizzat.

Harsa lejn ir-rapport tal-perit tekniku mqabbad mill-Kunsill Lokali juri illi ix-xoghol skont il-Perit Formosa ma sarx skont is-sengha u l-arti u kellhom jsiru xi aggustamenti sabiex jigi evitat ingress ulterjuri tal-ilma, liema aggustamenti jidher illi baqghu ma sarux.

Il-Qorti, in vista tal-fatt li l-partijiet qatt ma talbu illi jitqabbad espert mill-Qorti sabiex jaghmel l-evalwazzjonijiet tieghu dwar jekk il-kostatazzjonijiet tal-perit Formosa humiex korretti jew le, ikollha tistrieh fuq il-konkluzjonijiet teknici maghmula mill-Perit Samuel Formosa.

Il-Qorti wkoll tara li, minkejja l-fatt li s-socjeta' rikorrenti kienet ben akkorrent tax-xoghol illi ghamlet u tal-konsegwenzi illi din giebet fuq il-proprjeta tas-sinjuri Bugeja, jidher li strahet fuq ix-xoghlijiet li hasset li kienu rimedjali minghajr ma qaghdet tiehu in konsiderazzjoni l-fatt jekk il-problema attwalment gietx rizolta jew le.

Il-Qorti thoss illi dina l-attitudni da parti tar-rikorrenti hija attitudni regolari u xejn professjonali illi kuntratturi mqabbdin sabiex jaghmlu ir-resurfacing fit-toroq ta’ Malta u Ghawdex jadoperaw waqt li qed jaghmlu x-xoghlijiet. Hija haga ben nota illi l-istat tat-toroq ta’ Malta mhija certament xejn felici u l-mod kif isiru l-maggoranza tat-toroq huwa, aktar u aktar, xejn aktar felici peress illi jidher car illi hafna mix-xoghlijiet jsiru minghajr ma jkun hemm pjan komplessiv tax-xoghlijiet li ghandhom isiru u jsiru bl-aktar mod ta’ malajr bil-ghan illi x-xoghol jitlesta minghajr ma jitqies jekk tali xoghol sarx skond is-sengha u l-arti.

Fil-kaz in ezami jidher li dan huwa wkoll kaz fejn min kien imqabbad sabiex jaghmel ir-resurfacing tat-toroq, ossija s-socjeta attrici, ma hax il-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex jassigura illi x-xoghol isir kif suppost. Wiehed jinduna li x-xoghol ma sarx kif suppost anke jekk wiehed ihares biss lejn il-fatt li s-sinjuri Bugeja, biex jevitaw l-ingress tal-ilma, kellhom fid-dawra tal-bankina jtellghu cint tal-gebel moghla zewg filati liema cint ghadu hemm

sallum u ser ikollu jibqa' hemm sakemm is-sitwazzjoni tigi rizolta.

Il-Qorti tifhem ukoll illi, bhala rizultat tax-xoghlijiet ta' resurfacing da parti tas-socjeta' rikorrenti, t-triq kollha gholiet il-fuq b'mod illi l-ilma jaqbez il-bankini u naturalment jidhol fil-fondi fejn huma livell mal-bankini kif saru mis-socjeta' rikorrenti fosthom il-fond tas-sinjuri Bugeja.

Il-Qorti thoss illi huwa car illi dan huwa dovut unikament ghall-xoghol mhux skont is-sengha u l-arti illi sar mis-socjeta' rikorrenti.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-somma dovuta u s-somma mizmuma mill-Kunsill Lokali ghal dak li ghandu x'jaqsam max-xoghlijiet tat-Triq id-Duluri, in vista tal-fatt li l-partijiet ghal darb'ohra ma appuntaw ebda espert sabiex jevalwa kemm kien jiswa x-xoghol ta' resurfacing tat-Triq id-Duluri u allura kemm kellu jitnaqqas flus, il-Qorti ser tistrieh fuq il-kostatazzjonijiet maghmula mill-contracts manager Robert Ciantar, fejn huwa kkonkluda illi l-ammont li kellu jinzamm kien ta' elfejn u sebgha u erbghin lira maltin u sittin centezmu (Lm2,047.60) ossia l-import tar-rikors odjern.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti quddiemha u wara li rat id-dokumentazzjoni migjuba quddiemha filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni ta' intempestivita, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Kunsill Lokali Hamrun u tiddikjara illi, peress li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti, it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Bhala spejjes kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha."

**Rat** li l-atturi Bonnici Bros. Limited hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors ta' appell ta' Bonnici Bros Ltd (C 3905) fejn gie sottomess:-

Illi permezz ta' avviż ippreżentat nhar il-25 ta' Ottubru 2007 is-soċjetà esponenti talbet il-ħlas ta' elfejn u sebgħa u erbgħin Lira Maltija u sitta u disgħin ċeneżmu (Lm 2047.96) bilanċ minn somma akbar, ekwivalenti għal erbat elef seba' mija u sebgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€4770.46) rappreżentanti xogħolijiet imwettqa mill-istess soċjetà attriċi, ai termini tat-tender bin-numru KLH/TDR/07/2002, intitolat "Tender for the Services of Resurfacing of Roads in Ħamrun", bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż relattivi;

Illi permezz tan-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, il-Kunsill appellat eċċepixxa 1) illi l-azzjoni hija intempestiva għax il-Kunsill eċċipjenti qed jistenna l-konklużjoni ta' rapport sabiex jiġi ċertifikat ix-xogħol magħmul mis-soċjetà attriċi u li l-istess soċjetà ġiet infurmata b'dan anke permezz ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Awwissu 2007 u illi 2) mingħajr preġudizzju għall-premess ix-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti a dannu u detriment tal-Kunsill eċċipjenti;

Illi permezz tad-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Marzu 2012, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) filwaqt illi ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' intempestività, laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali appellat u konsegwentement ċaħdet it-talba attriċi, b'dana illi bħala spejjeż kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha;

Illi s-soċjetà esponenti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk qed tinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Apprezzament żbaljat tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi mis-sentenza appellata jidher ċar illi l-ewwel Onorabbli Qorti straħet esklussivament fuq il-konklużjonijiet tekniċi magħmula mill-Perit Samuel Formosa li kien imqabbad

mill-Kunsill appellat tant illi f'paġna 12 tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk: "Il-Qorti, in vista tal-fatt li l-partijiet qatt ma talbu illi jitqabbad esperti mill-Qorti sabiex jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu dwar jekk il-kostatazzjonijiet tal-perit Formosa humiex korretti jew le, ikollha tistrieh fuq il-konklużjonijiet teknici magħmula mill-Perit Samuel Formosa".

Illi kif tajjeb irreteniet l-ewwel Qorti, ir-rapport tal-Perit Samuel Formosa ġie prodott fit-28 ta Awwissu, 2008, jiġifieri iktar minn erba' (4) snin wara li spiċċa ix-xogħol u ftit inqas minn sena wara li ġiet ippreżentata l-kawża l-Qorti;

Illi madankollu jirriżulta li sfortuntament l-Ewwel Onorabbli Qorti, tat piż lil dan ir-rapport meta fl-assjem tal-provi, inkluż ta' xhieda tal-kunsill intimat, jirriżulta ampjament illi r-rapport de quo jirrisali għal qabel ma sar ix-xogħol rimedjali u għalhekk ma jirriflettix u ma jagħtix stampa reali tas-sitwazzjoni.

Illi kien proprju il-kunsill intimat illi kellu jġib prova illi x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti u li sofra d-dannu minħabba x-xogħol tas-soċjetà esponenti.

Illi għal kuntrarju, jirriżulta mix-xhieda tas-Sindku ta' dak iż-żmien, illi wara illi s-soċjetà attriċi esegwiet ix-xogħolijiet rimedjali, l-unika allegata problema (i.e. dik tal-flooding ta' dar waħda partikolari) issolviet b'mod tali illi meta għamlet ix-xita straordinarja f'Diċembru 2007, l-ilma lanqas biss qabeż il-bankina!

Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2008, Dr. Luciano Busuttil, li kien is-sindku tal-Ħamrun sad-9 ta' mejju 2008 jgħid hekk:
"Il-problema prinċipali kienet tirrigwarda l-fatt illi meta taghmel ix-xita kien jinżel ilma illi jaħbat mal-bankina l-ġdida u kienet tidħol fir-residenza tas-sinjuri Bugeja…

… Mistoqsi jekk reċentement kontx erġajt mort fuq il-post mertu ta' din il-kawża ngħid illi jiena fil-fatt kont mort fit-28 ta' Diċembru 2007. **<u>Għamlet ħafna xita u mort</u>**

**nivverifika**. Meta wasalt jien sibt illi l-ilma kien għadu jaqleb fid-direzzjoni tar-residenza tal-familja Bugeja. **Però l-ammont ta' xita li kienet nieżla ma kinitx tali li taqbeż l-għoli tal-bankina. Dan sar minħabba miżuri separati biex inaqqas l-ilmijiet f'dik l-area… tas-soċjetà attriċi**".

Illi di più, u rigward l-allegati problem sofferti mis-sinjuri Bugeja minħabba l-ingress tal-ilma, *ex admissis* jirrisalu qabel ma ttieħdu l-miżuri rimedjali: Fi kliem Dr. Busuttil stess, "[is-sinjuri Bugeja] ppreżentaw video lill-Kunsill Lokali però dan il-video kien sar qabel ma nfetħet il-kawża u qabel ma saru t-tibdiliet strutturali li għamilt referenza għalihom qabel li ħallew effett pożittiv…" Għaldaqstant kemm ir-ritratti u kif ukoll il-video ppreżentati mis-sinjuri Bugeja m'għandu jkollhom l-ebda piż probatorju.

Illi jidher illi dana l-Ewwel Qorti kienet konxja minnu tant illi fil-parafrażi tax-xhieda mogħtija minn Dr. Busuttil, paġna 4 tas-sentenza, jintqal hekk:

"Dr Busuttil jagħmel referenza għax-xogħolijiet riparattivi li ppruvaw jagħmlu s-soċjetà rikorrenti fejn inqala' parti mit-tarmac u sar konkos**, u kien hemm ukoll parti mill-isqaq minn fejn beda joħroġ l-ilma illi s-sitwazzjoni ġiet irranġata u l-ilma ma bqax jinżamm.**"[1]

Illi madankollu, jirriżulta illi meta imbagħad għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti skartat għal kollox dan il-punt u kuntrarjament għal dak li xehed Dr Busuttil qalet hekk "is-soċjetà rikorrenti… jidher li straħet fuq ix-xogħolijiet li ħasset li kienu rimedjali mingħajr ma qagħdet tieħu in konsiderazzjoni l-fatt jekk il-problema attwalment ġietx riżolta jew le" u dana meta s-Sindku (ta' dak iż-żmien) tal-Kunsill appellat qal proprju illi s-sitwazzjoni ġiet irranġata!

Illi mill-provi ħareġ illi l-bilanċ dovut lis-soċjetà appellanti kien qed jinżamm bħala garanzija sabiex jiġu verifikati l-kwistjonijiet imqajjma mis-sinjuri Bugeja:

[1] Enfasi miżjuda

Xhieda tas-sindku Dr. Luciano Busuttil tat-13 ta' Mejju 2008: "… Il-kunsill tal-Ħamrun beda jirċievi ittri interpellatorji biex iħallsu lis-soċjetà attriċi l-flus illi kienu irritenew li aħna żammejna. Dan l-ammont żammejnieh a bażi ta' garanzija minħabba l-kwistjonijiet li qamu".

Illi jiġi sottomess u ribadit illi ma għadx hemm lok illi dan il-bilanċ jinżamm mill-Kunsill Lokali appellat speċjalment fid-dawl tal-fatt illi ma nġabitx prova waħda illi l-Kunsill soffra xi danni. Tali prova ċertament kienet tinkombi fuq il-Kunsill intimat in omaġġ tal-prinċipju *reus in excipiendo fit actor*. Kieku verament il-Kunsill soffra xi danni mill-aħħar tas-sena 2003 (meta sar ix-xogħol) sa meta nfetħet il-kawża, kellu kull opportunità biex jagħti prova ta' dan. Illi infatti huwa pależi il-fatt illi l-Kunsill intimat ma ressaq l-ebda kontro-talba kontra s-soċjetà attriċi sabiex dina tiġi kkundannata responsabbli għad-danni. Fuq dan il-punt vide inter alia *Piero Barone v. Steel & Co Ltd  et noe* (Prim'Awla, 15/10/2009): "*Illi, in rikapitulazzjoni, l-konvenuti ma jistghux jopponu l-"exceptio non rite adempleti contractus" ghad-domanda li saritilha ghall-hlas meta huma stess qabbdu u minn rajjahom issoktaw bix-xoghlijiet u di piu ma ressqu l-ebda kontro-talba ghar-rizarciment tad-danni*"

Illi għal kuntrarju, ix-xogħol tas-soċjetà attriċi kien wieħed skond is-sengħa u l-arti u meta l-contracts manager Robert Ciantar kien issolleva il-problema riskontrata mir-residenti Bugeja, is-soċjetà attriċi mal-ewwel bdiet u lestiet ix-xogħol rimedjali. Vide xhieda mogħtija mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali  Ħamrun a fol 22 u 23 tal-proċess: "Sar ukoll survey mis-soċjetà attriċi. Il-problema kienet illi kien hemm breaking tat-triq in diżamina illi kienet l-aktar parti baxxa quddiem ir-residenza tas-Sinjuri Bugeja u imbagħad wara teġa' titla. Biex jippruvaw isolvu l-problema illi kienet qed tiġi riskontrata, is-soċjetà attriċi barxet il-parti tat-triq in diżamina biex l-ilma li jinżel fit-triq jinqasam… Ix-xogħol kien tlesta f'Novembru tas-sena 2003". Illi li ġara u kif ikompli jispjega l-istess Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, kien illi l-Kunsill żamm il-flus sakemm jiġi redatt ir-rapport… liema rapport imbagħad ġie biss redatt waqt il-mori tal-kawża odjerna.

Illi dwar dan ir-rapport, ġie kontro-eżaminat il-Perit Samuel Formosa fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011. Huwa ammetta illi hu ma ra l-ebda evidenza ta' *flooding* iżda biss straħ fuq dak li qalulu: "Mistoqsi jekk jirriżultalix illi kien hemm xi *flooding* fiż-żona ngħid illi jiena ġejt infurmat b'dan… mort nara l-post però…**ma kien hemm ebda evidenza ta' *flooding***". L-istess Perit jikkonferma li jaf illi saru x-xogħolijiet rimedjali: "**Mistoqsi jekk jiena hinix konxju li saru xi xogħolijiet rimedjali ngħid iva**".

Illi ġjaladarba l-Kunsill appellat innifsu jammetti li x-xogħolijiet rimedjali li kienu rikjesti saru, u kellhom effett sodisfaċenti, l-Kunsill appellat ma setgħax jibqa' jopponi għat-talba għal-ħlas tal-bilanċ – u dana speċjalment fid-dawl tal-intransiġenza totali murija mill-Kunsill intimat mid-data li fiha tlestew ix-xogħolijiet sakemm infetħet dina l-kawża.

Illi kif joħroġ ċar mix-xhieda mogħtija mill-Perit tas-soċjetà esponenti, il-Perit Ruben Aquilina, ix-xogħol kollu sar taħt id-direzzjoni tal-contracts manager tal-Kunsill appellat, Robert Ciantar u żgur li ma kienx hemm lok li l-Kunsill jaddebita xi ħtija għax-xogħol li sar fuq it-triq in kwistjoni fuq il-kuntrattur.

Illi bir-rispett kollu dovut, tenut kont ta' dak li irriżulta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti tħoss illi l-kummenti ġeneralistiċi magħmula fil-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, huma gratuwiti u ma setgħu qatt raġjonevolment jiffurmaw bażi legali għad-deċiżjoni. Illi l-esponenti qed tagħmel referenza għas-segwenti kummenti li qed jiġu riprodotti *verbatim*: "Il-Qorti thoss illi dina l-attitudni da parti tar-rikorrenti hija attitudni regolari u xejn professjonali illi kuntratturi mqabbdin sabiex jagħmlu r-resurfacing fit-toroq ta' Malta u Għawdex jadoperaw waqt li qed jagħmlu x-xogħolijiet. Hija ħaġa ben nota illi l-istat tat-toroq ta' Malta mhija ċertament xejn feliċi u l-mod kif isiru l-maġġoranza tat-toroq huwa, aktar u aktar, xejn aktar feliċi peress illi jidher ċar illi ħafna mix-xogħolijiet jsiru mingħajr ma jkun hemm pjan komplessiv tax-xogħolijiet li għandhom isiru u jsiru bl-aktar mod ta' malajr

bil-ghan illi x-xogħol jitlesta mingħajr ma jitqies jekk tali xogħol sarx skond is-sengħa u l-arti".

Illi minkejja illi dan kien kumment *obiter*, jidher illi din kienet waħda mill-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha. Ċertament li għandu jirriżulta illi dak li jħoss ġudikant dwar l-istat ġenerali tat-toroq Maltin m'għandux iwassal biex ikun hemm preġudizzju kontra l-kuntrattur li f'dan il-każ intwera li x-xogħolijiet riparatorji li għamel kien sodisfaċenti u li r-rapport tal-Perit tal-kunsill li ġie ppreżentat ħames snin wara li spiċċa x-xogħol u wara li bdew il-proċeduri ġudizzjarji jirreferi għall-istat tat-triq qabel twettqu dawn ix-xogħolijiet.

Għal dawn ir-ragunijiet l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka u tħassar l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-26 ta' Marzu 2012 u tgħaddi biex tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà esponenti hekk kif dedotta fl-avviż promotur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Kunsill appellat.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-appellati Kunsill Lokali Hamrun fejn gie sottomess:-

Illi permezz tac-citazzjoni taghha, s-socjeta' rikorrenti, illum l-appellanta, talbet lill- Kunsill Lokali intimata, illum l-appellat, sabiex ihallas is-somma ta' Lm2047.96 rapprezentanti f'bilanc minn somma akbar, rapprezentanti xogholijiet imwettqa mill-istess socjeta' attrici *ai termini* tat-t*ender* bl-isem *Tender For the Resurfacing of Various Roads in Hamrun* (KLH/TDR/07/2002), bl-ispejjez inkluz ta' l-istess kawza kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata l-25 ta' Lulju 2007 kontra l-Kunsill Lokali konvenut u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-Kunsill Lokali konvenut, illum l-appellat ecceppixxa s-segwenti:
Illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva u dan ghaliex il-kunsill eccipjenti qed jistenna l-konkluzjoni ta' rapport sabiex jigi certifikat ix-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici

u li l-istess socjeta' giet infurmata b'dan anke permezz t'ittra ufficjali datata t-22 t'Awwissu tas-sena 2007[2];

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti a dannu u detriment tal-Kunsill eccipjenti;

Illi in vista tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi permezz ta' sentenza datata s-26 ta' Marzu tas-sena 2012, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta), filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' intempestivita', laqghet it-tieni eccezzjoni tal-Kunsill Lokali, illum l-appellat u konsegwentement cahdet it-talba attrici, b'dana illi bhala spejjez kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha;

Illi s-socjeta' appellanta hassitha aggravata minn din id-decizjoni u ghazlet li tinterponi l-appell odjern u konsegwentement, permezz tieghu din l-Onorabbli Qorti giet mitluba sabiex joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tghaddi minflok sabiex tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' appellata hekk kif dedotta fl-avviz promotur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kunsill appellat;

Illi l-Kunsill appellat, umilment jissottometti li d-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija korretta u timmerita li tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti u dan stante li l-uniku aggravju tal-appellanti cioe' illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi huwa infondat u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi preliminarjament, u minghajr ma l-Kunsill esponent jidhol fil-mertu tal-aggravju innifsu, jigi rilevat li skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, fosthom fil-kawzi imsemmija aktar 'l isfel, gie dejjem ritenut li hija l-Ewwel Qorti li tkun fl-ahjar posizzjoni sabiex taghmel l-ahjar apprezzament tal-fatti u li konsegwentement, tali apprezzament tal-fatti m'ghandux jigi disturbat b'mod

[2] Liema ittra ufficjali hija esebita a fol 13 tal-process

legger mill-Qorti tal-Appell. F'dan l-istadju ssir referenza ghas-segwenti gurisprudenza li lkoll jishqu fuq dan il-punt:

**Cutajar Salvu vs Vella Alfred** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Jannar 2002 fejn gie ritenut li l-Qorti tal-Appell m'ghandhiex tiddisturba leggerment l-apprezzament ezercitat mill-Ewwel Qorti ghaliex hija l-Ewwel Qorti li tkun fl-ahjar qaghda li taghrbel dawn l-istess provi;**Joseph Grech Sant noe vs L-avukat Dr. Riccardo Farrugia et noe** deciza nhar it-28 ta' Frar 1997 mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn gie rilevat li l-Qorti ta' Revizjoni "***m'ghandhiex – bla raguni gravi u impellenti, tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti***";

**Carmelo Agius vs John Agius** deciza nhar it-2 ta' Dicembru 1994 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie ritenut li "***l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja***".

Illi ghalhekk, mill-gurisprudenza citata aktar il fuq jirrizulta bl-aktar mod car li l-Qorti tal-Appell, sakemm ma jkunx hemm xi zball tant gravi li jimmerita li l-istess Qorti tal-Appell terga' taghmel apprezzament komplet tal-fatti tal-kaz, m'ghandhiex tiddisturba d-decizjoni dwar l-apprezzament tal-fatti migjuba quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk, abbazi tal-istess gurisprudenza, dan l-aggravju, fl-umli opinjoni tal-esponenti ghandu jigu michud.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill esponent ser jghaddi sabiex jiddiskuti tali lanzjanza fil-mertu tieghu, fis-sens, sabiex jigi stabbilit jekk fl-ewwel lok, kienx hemm xi zball tant gravi li jimmerita li l-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti (li fl-umli opinjoni tal-Kunsill esponent, dan ma jirrizultax) u fuq kollox jekk fattwalment, kienx hemm verament apprezzament hazin tal-fatti.

Illi s-socjeta' appellanta tikkontendi li l-apprezzament hazin tal-fatti tal-Ewwel Onorabbli Qorti jimmanifesta ruhu mill-fatt li l-istess qorti strahet esklussivament fuq il-konkluzjonijiet teknici maghmula mill-Perit *ex parte* tal-Kunsill Lokali esponent Samuel Formosa u dan fid-dawl ta' nuqqas ta' rapporti teknici ohra dwar il-mertu tal-kaz. L-istess socjeta' attrici tikkwota l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn gie ritenut li l-istess Qorti kellha necessarjament toqghod fuq il-konkluzjonijiet milhuqa mill-istess Perit *stante* li ma gie prodott ebda rapport iehor li forsi seta' jikkontridixxih. Izda bl-akbar rispett jigi rilevat li kien kompitu tas-socjeta' attrici li titlob lill-Qorti li jinhatar espert tekniku sabiex *se mai* jipprova jirribatti l-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Formosa u dan ghaliex fl-ewwel lok, kien jinkombi lis-socjeta' attrici, illum appellanta li tipprova l-kaz taghha u ggib l-aqwa prova sabiex tissustanza t-talbiet taghha u fit-tieni lok ghaliex m'huwiex kompitu tal-Qorti li tirregola xi provi ghandu jgib l-attur. Din ir-responsabbilita' taqa' b'mod esklussiv f'idejn l-attur u ghalhekk, il-Qorti kienet ferm korretta meta stqarret li fin-nuqqas ta' prova kontrarja (ghaliex is-socjeta' appellanta naqset milli ggib prova teknika dwar il-mertu tal-kaz jew li ghall-anqas titlob il-hatra ta' perit tekniku sabiex jirrileta fuq il-kaz odjern) ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tistrieh fuq rapport tekniku li gie prezentat bhala parti mill-provi tal-Kunsill appellat;

Illi l-argument tas-socjeta' appellata fejn tikkontendi li tali rapport ma kellux jinghata l-piz li inghata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghaliex dan gie redatt erba' snin wara l-akkadut lanqas ma jista' jregi u dan ghaliex, kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, din hija l-unika prova teknika (prova migjuba mill-Kunsill esponent) li l-Ewwel Qorti kellha ghad-disposizzjoni taghha u fuq kollox l-istess rapport kien jikkonferma dak li l-Kunsill intimat eccepixxa fit-tieni eccezzjoni tieghu. X'waqqaf lis-socjeta' attrici milli titlob lil xi perit tal-fiducja taghha biex jaghmel rapport? X'waqqaf lis-socjeta' attrici milli titlob il-hatra ta' perit espert sabiex jirrileta fuq il-kaz odjern? Bl-akbar rispett, risposta ghal dawn il-mistoqsijiet ma jidhirx li hemm izda jibqa' l-fatt li l-Ewwel Qorti kienet sprovvista minn opinjoni teknika dwar

il-fatti mertu tal-kaz, ad eccezzjoni tar-rapport prezentat mill-Kunsill esponent, liema rapport ma jidher li hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn, fuq kollox, wiehed ma ghandux jistrieh fuq il-parir tekniku tal-Perit li rredigieh.

Illi s-socjeta' attrici tikkontendi wkoll li r-rapport gie redatt qabel ma saru x-xogholijiet rimedjali u cioe' meta l-kwistjoni kienet ghadha mhix risolta (dejjem skond l-istess socjeta' attrici) izda l-esponenti jirrileva li dan mhux minnu u dan stante li permezz tal-provi li huwa prezenta fil-mori tal-kawza, xorta wahda irrizulta li x-xogholijiet rimedjali ma solvewx il-kwistjoni odjerna, kuntrarjament ghal dak li tipprova tikkontendi s-socjeta' appellata. F'dan l-istadju ssir referenza ghas-segwenti xhieda u evidenza prodotta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u li permezz taghha l-Kunsill esponent wera li fl-ewwel lok, ix-xogholijiet rimedjali maghmula mis-socjeta' attrici huma prova minnhom innifishom li x-xoghol in kwistjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti (kif wara kollox kellu kull dover li jaghmel) u fit-tieni lok, li tali xogholijiet rimedjali baqghu ma solvewx il-problemi li feggew wara l-istess xogholijiet:

Illi ssir referenza ghax-xhieda tas-sinjuri Bugeja bhala residenti fi Triq id-Duluri fejn jiddikjaraw li sofrew hsarat kbar fil-proprjeta' taghhom u kellhom *flooding* kbir fl-istess proprjeta' u dan kif inhu evidenzjat mir-ritratti esebiti u mmarkati bhala Dok. AB2 – AB9 kif ukoll mill-*video* esebit u mmarkat bhala Dok. AB10, liema provi huma annessi ma' l-affidavit ta' l-imsemmi Alfred Bugeja esebit a fol 60 tal-process. Dawn ir-ritratti juru l-ammont kbir t'ilma li dahal fil-proprjeta' taghhom b'konsegwenza diretta tal-qlib hazin tat-triq. L-ilmijiet tant kienu kbar li Alfred Bugeja jispjega[3] li kif wasal id-dar, "***insib lill-mara tieghi ma' xi 3 jew 4 min-nies ohra jitfghu l-ilma li kien dahal id-dar taghna 'l barra ghal got-triq***". L-Avukat Dr. Luciano Busuttil li dak iż-żmien kien Sindku tal-lokalita' tal-Hamrun jikkonferma dak li jghid Alred Bugeja meta jispjega li "***rajt b'ghajnejja li l-ilma kien dahlilhom sa' 2 filati gholi fid-dar taghhom***" u jzid jghid li l-familja Bugeja "***kienet kostretta taghmel gebel mal-bankina biex tilqa' mill-***

[3] Ara l-affidavit ta' Alfred Bugeja esebit a fol 60 tal-process

***ilmijiet li jidhlu fid-dar taghhom***". Dan qieghed jinghad ghaliex kif jispejga l-imsemmi Alfred Bugeja u dan kif ikkonfermat ukoll mill-istess Dr. Luciano Busuttil fix-xhieda tieghu[4], qabel ma saru dawn ix-xogholijiet da parti tas-socjeta' attrici, qatt ma kien hemm problema ta' qlib meta taghmel ix-xita u ghalhekk, jirrizulta li tali hsara, danni u qlib hazing ta' l-ilma rrizulta biss u b'konsegwenza diretta tax-xoghol hazin li ghamlet is-socjeta' appellanta.

Jidher li fuq dan il-punt, u cioe' fuq ix-xogholijiet inizjali li ghamlet is-socjeta' appellanta hemm xi forma ta' qbil ghaliex kienet is-socjeta' appellanta stess li sussegwentement ghamlet xogholijiet rimedjali biex ittaffi mill-*flooding* li sehh u biex tipprova tirranga s-sitwazzjoni u ghalhekk, l-istess Kunsill esponent ser jghaddi sabiex jiddiskuti l-istess xogholijiet rimedjali u juri kemm l-aggravju tas-socjeta' appellanta m'ghandu ebda bazi sabiex jintlaqa'.

Illi dwar il-fatt illi x-xogholijiet rimedjali lbaqghu ma solvewx il-problemi li nholqu bl-ewwel xoghol jigi rilevat illi sussegwetement ghall-hsara li giet kagunata, fosthom lis-Sinjuri Bugeja msemmija aktar 'il fuq, is-socjeta' attrici ghamlet xi xogholijiet rimedjali biex tipprova ssolvi din il-kwistjoni. Jerga' jigi rilevat li l-fatt li s-socjeta' appellanta ghamlet tali xogholijet rimedjali huwa prova minnha nnifisha li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti ghaliex li kieku dawn saru skond is-sengha u l-arti ma kienx ikun hemm bzonn ta' xogholijiet rimedjali. Apparti minn hekk, kellu jkun Alfred Bugeja stess li jiehu **mizuri ulterjuri** anki wara x-xogholijiet rimedjali sabiex itaffi l-problema kagunata mis-socjeta' appellanta u dan billi kif jispjega hu stess permezz ta' l-affidavit tieghu, "***biex nilqghu ghal din il-hsara kollha kellna nimbarraw id-dawra tal-bankina ta' quddiem taghna kollu bil-gebel u fil-fatt hemm mghola filata***". Zgur li dawn il-mizuri huma mizuri straordinarji li qatt ma kellhom isiru minn resident ta' triq wara li s-socjeta' appellanta ghamlet ix-xogholijiet in kwistjoni u allura, dawn ir-rimedji li prova jaghmel l-istess Alfred Bugeja huma wkoll prova ta' kemm l-istess

[4] Ara a fol 18 tal-process

socjeta’ appellanta ghamlet xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti kif ukoll dwar il-persistenza tal-problema anki wara li sar ix-xoghol rimedjali.

Is-socjeta’ appellanta tikkontendi li r-rapport tal-Perit Formosa huwa datat qabel ma saru x-xogholijiet rimedjali u ghalhekk, l-Ewwel Qorti ma kellhiex taghtih piz, izda l-istess socjeta’appellanta twarrab ghal kollox kull prova li gab il-Kunsill esponent u li permezz taghha prova sal-grad rikjest mil-ligi li minkejja li s-socjeta’ appellanta ghamlet xogholijiet rimedjali, dawn baqghu ma solvewx il-problemi ezistenti u li gew kagunati mix-xogholijet li saru minnha stess. Dan qieghed jinghad in vista tad-diversi dikjarazzjonijiet fejn gie kkonfermat li x-xogholijiet fit-toroq baqghu qatt ma gew irrangati kompletament fis-sens li l-problema ta’ qlib t’ilma fit-triq relattiva, u cioe’ Triq id-Duluri ghadha tezisti sal-gurnata odjerna. F’dan l-istadju ssir referenza ghax-xhieda ta’ Alfred Bugeja[5] li jiddikjara li “***ghadni sal-lum il-gurnata ma nistax niccaqlaq mid-dar ghaliex dejjem mohhna fl-ilma li jista’ jidhol id-dar***” kif ukoll ghax-xhieda tal-Perit Samuel Formosa fejn permezz ta’ l-affidavit tieghu[6] jiddikjara li:

“***Following complaints from a resident residing at No. 19 Triq id-Duluri Hamrun it transpired that surface water run off is flowing into the above residence due to the formation of the road levels which are laid in this direction***” u jzid jghid li:- “***A glance at the levels of the survey prepared by Bonnici Brothers themselves on the road in question reveals that there is a lump in the corner of the site in question and that there is a change in the existing road levels. As a consequence of this, surface water run off is also gathering next to the corner in caption. This needs to be readjusted and addressed in order to avoid any further flooding and other inconvenience to the dwelling located at No.19, Triq id-Duluri Hamrun***”.

---

[5] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 60 tal-process
[6] Liema affidavit huwa esebit a fol 38 tal-process

Jerga’ jigi enfasisizzat li minkejja dawn ir-rakkomandazzjonijiet u minkejja x-xogholijiet rimedjali li pruvat taghmel is-socjeta’ appellanti, l-problema baqghet ma gietx solvuta u dan kif konfermat ukoll minn Robert William Ciantar fejn permezz ta’ l-affidavit tieghu[7] jikkonferma li “***minkejja d-diversi korrispondenza id-dipressjoni fil-kantuniera baqghet ma gietx indirizzata***” (apparti x-xhieda t’Alfred Bugeja li ghaliha saret referenza aktar ‘il fuq) u kien proprju ghalhekk li ta l-parir lill-Kunsill biex izommu l-pagament “***sakemm din il-problema tigi ndirizzata u jigi eliminat l-inkonvenjent mahluq minhabba xoghol hazin li kien sar mill-kuntrattur attur***”[8]. Min-naha taghha, s-socjeta’ appellanta tipprova targumenta li gialadarba wara li saru x-xogholijiet rimedjali, l-ilma ma qabizx il-bankina, allura l-problema kollha kienet solvuta izda dan imur kontra kull argument logiku u applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex il-kwistjoni kollha iddur fuq kif fattwalment saru x-xogholijiet u l-qlib ta’ l-ilma nnifsu u mhux jekk l-ilma hux jaqbez il-bankina jew le. Huwa minnu li bix-xogholijiet rimedjali li saru, l-ilmijiet naqsu pero’ dan bl-ebda mod ma jfisser li l-kwistjoni kollha giet survolata jew li issa x-xogholijiet saru skond is-sengha u l-arti. Fl-ahjar ipotesi ghall-istess socjeta’ appellanta jista’ jinghad li l-problema ma baqghetx gravi u serja daqs kemm kienet qabel grazzi wkoll li ma ghamiltx certu ammont ta’ xirta f’daqqa izda x-xhieda jikkonfermaw li x-xoghol xorta ghadu ma sarx sew. Bl-akbar rispett jigi rilevat li s-socjeta’ appellanta m’hija fidila xejn lejn ix-xhieda tas-Sindku ta’ dak iz-zmien Dr. Luciana Busuttil meta tikkontendi li huwa xehed li l-problema tal-*flooding* kienet giet solvuta[9] ghaliex fil-fatt ix-xhud fl-ebda mument ma stqarr li l-problema kienet solvuta. Qal biss li l-problema kienet ittaffiet wara li saru x-xogholijiet rimedjali ghaliex l-ilma ma qabizx il-bankina fl-okkazzjonijiet ta’ xita sussegwenti imma fl-ebda mument ma qal li l-problema kienet solvuta! Tant hu hekk li l-istess Dr. Lucian Busuttil jixhed li fit-28 ta’ Dicembru 2007 “***ghamlet hafna xita u mort nivverifika. Meta wasal <u>jien sibt illi l-ilma kien</u>***

[7] Liema affidavit huwa esebit a fol 42 tal-process

[8] Ara wkoll Dok RC11 esebit li jagħti rendikont tal-ħlasijiet li għamel il-Kunsill intimat, liema ħlas, għal raġunijiet ovvji, ma jinkludux ħlasijiet għal Triq id-Duluri

[9] Ara paragrafu numru 4 tat-tieni pagna tar-rikors tal-appell odjern

***ghadu jaqleb fid-direzzjoni tar-residenza tal-familja Bugeja***[10]***. Pero' l-ammont ta' xita li kienet niezla ma kienitx tali li taqbez l-gholi tal-bankina. Dan sar minhabba mizuri separati biex inaqqas l-ilmijiet f'dik l-area…***". Bl-akbar rispett jirrizulta bl-aktar mod car li s-Sidku ta' dak iz-zmien, fl-ebda mument ma stqarr li l-problema tal-qlib tal-ilma kienet solvuta ghaliex fi kliemu stess jiddikjara li mill-ewwel induna li l-ilma kien ghadu jaqleb fuq ir-residenza tal-familja Bugeja izda l-istess xhud kien sincier u qal li permezz tax-xogholijiet rimedjali li ghamlet is-socjeta' appellanta, is-sitwazzjoni kienet giet ghall-ahjar imma xejn aktar ghaliex il-problema tal-qlib kienet u ghadha tezisti sal-gurnata odjerna. Jekk tinzel aktar xita mill-okkazzjoni li semma s-Sindku la darba l-qlib ghadu fuq ir-residenza tal-persuni involuti xorta wahda ghad hemm il-possibilita' reali li d-dar taghhom terga teghreq bl-ilma tax-xita.

Min-naha taghha s-socjeta' appellanta tipprova targumenta li d-*dvd* u r-ritratti esebiti in atti u li juru d-danni li gew sofferti m'ghandhom ebda piz probatorju ghaliex imorru lura ghaz-zmien ta' qabel ix-xogholijiet rimedjali izda anke fuq dan il-punt, il-Kunsill esponent ma jistax jaqbel ma' dan l-argument ghaliex kif diga' gie ritenut aktar 'il fuq, ix-xogholijiet rimedjali ma solvewx il-problema tal-ilma imma *se mai* taffewha xi ftit. Is-socjeta' appellant donnha qieghda tikkontendi li l-Kunsill esponenti ghandu jbaxxi rasu ghall-fatt li fl-ewwel lok ix-xogholijiet ma jsirux skond is-sengha u l-arti u tbaxxi rasha wkoll ghall-fatt li minkejja x-xogholijiet rimedjali l-problema tibqa' ma tissolvix ruhha (ghalkemm tittejjeb). Bl-akbar rispett tali argument ma jistax iregi u m'ghandu ebda bazi kemm legali u kemm fattwali ghaliex il-punt krucjali tal-kawza odjerna jibqa' wiehed, u cioe' jekk is-socjeta' appellanta m'ghamlitx ix-xogholijet in kwistjoni skond is-sengha u l-arti. Il-Kunsill esponent u l-Ewwel Onorabbli Qorti waslu ghall-konkluzjoni li tali xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti, kif wara kollox lanqas ma kienu sodisfacenti x-xogholijiet rimedjali li saru wara. Gialadarba x-xogholijiet in kwistjoni ma sarux skond is-sengha u l-arti

[10] Enfasi mizjuda

u gialadarba l-problema tal-qlib u tal-ilma baqghet ezistenti, allura l-Kunsill esponent umilment jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta cahdet it-talba attrici.

Illi dwar l-allegat nuqqas tal-Kunsill esponent li jgib prova tad-danni sofferti jigi sottomess illi ma hemm l-ebda qbil fuq dan l-argument frivolu ghall-ahhar da parti tas-Socjeta' appellanta.

Illi fil-fatt permezz tar-rikors odjern, is-socjeta' appellanta tikkontendi li l-Kunsill esponent ma gab ebda prova dwar id-dannu li huwa sofra u jzid jghid li l-istess Kunsill naqas milli jintavola kontra-talba f'dan is-sens. Bl-akbar rispett jigi rilevat li tali decizjoni jekk tigix intavolata kontro-talba mar-risposta ghall-avviz promotur hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Kunsill esponent u s-socjeta' appellanta m'ghandha ebda lok li tistaqsi ghala tali kontro-talba ma saritx. U fuq kollox se mai d-danni gew principalment sofferti mir-residenti u mhux direttament mill-Kunsill li izda ghandu l-obbligu li jirrimedja kif ukoll jaghmel tajjeb ghad-danni jekk ikun il-kaz, izda dan xejn ma jxejjen l-eccezzjoni li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti. Ukoll il-kwistjoni tad-danni ma ghandha bl-ebda mod x'taqsam mal-mertu tal-kawza odjerna kif qed tiprova taghti x'tifhem is-socjeta' appellanti.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-Kunsill esponent kien sodisfatt mix-xogholijiet, partikolarment wara li saru x-xogholijiet rimedjali jigi sottomess illi s-socjeta' appellanta' qed tkun skorretta meta tul ir-rikors odjern taghha tibqa' tinsisti li l-Kunsill esponent kien sodisfatt bir-rizultat ahhari tax-xogholijiet li saru mis-socjeta' appellanta izda jigi rilevat li dan m'hu xejn ghajr tentattiv sabiex din l-Onorabbli Qorti tigi zgwidata u xejn aktar. Dan qieghed jinghad *stante* li kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, il-Kunsill esponent esprima biss l-opinjoni li s-sitwazzjoni kienet giet ahjar minn qabel izda mhux li ssolviet. Fl-ebda mument mal-Kunsill accetta li issa l-problema kienet solvuta jew li l-mertu tal-kaz odjern kien gie ezawrit u dan huwa kkonfermat mix-xhieda li ghalihom diga' saret referenza aktar 'il fuq u li permezz taghhom gie pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-kwistjoni u l-

problema baqghet u ghadha ezistenti sal-gurnata odjerna. Dan necessarjament ghandu jwassal lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeduci kemm m'huwiex minnu li l-Kunsill esponent seta' qatt ikun sodisfatt bix-xogholijiet in kwistjoni.

Illi dwar il-kummenti u l-osservazzjonijiet maghmula fis-sentenza appellata jigi sottomess li ezempju car illi dan l-appell huwa ghal kollox frivolu u vessatorju huma dawk il-parafrafi fir-rikors ta' l-appell fejn is-Socjeta' appellanti tipprova tiskolpa lilha nnifisha billi tghid li l-Ewwel Onorabbli Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq generalizazzjonijiet fuq it-toroq ta' Malta u Ghawdex u fuq il-kondizzjoni tal-istess. Izda bl-akbar rispett dan l-argument ma jaghmilx gustizzja mal-istess sentenza appellata li minn qari taghha, huwa ferm evidenti li l-motivazzjoni u d-decizjoni taghha imorru ferm aktar fil-fond minn dak li qed tghid l-appellanti. Jigi rilevat ukoll li l-kumment imsemmi u li sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti sar fil-kuntest tal-kaz odjern u fid-dawl tal-fatti u l-provi migbura quddiem l-istess Ewwel Onorabbli Qorti (u dan anke tenut kont tal-*flooding* li sofrew il-familja Bugeja u l-problemi li skontraw minhabba tali xogholijiet kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq). Huwa zgur li fid-dawl ta' tali xhieda u provi, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha kull dritt u dover li ccanfar lill-kuntratturi meta ma jaghmlux xoghol skond is-sengha u l-arti (kif wara kollox gara fil-kaz odjern) u dan ghad-detriment tal-Kunsilli li jibqghu responsabbli mill-istess toroq kif ukoll tar-residenti. Ghalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-argument relatat ma' tali kummenti hekk kif dedott mis-socjeta' appellanta m'ghandu ebda bazi legali.  Fil-fatt is-sentenza hawn appellata turi u taghti evidenza kompletament kuntrarja ghal dak li qieghda ssostni s-socjeta' appellanta u cioe' turi li tali kummenti saru fil-kuntest tal-provi u l-evidenza migbura u li konsegwentement wassluha biex taghmel l-istess kumment. L-argument tas-socjeta' appellanti huwa totalment infondat u kwazi jaghti x'jifhem li l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat il-provi migbura biex strahet fuq generalizazzjonijiet fuq it-toroq ta' Malta u Ghawdex li zgur li m'hux il-kaz.

Illi in vista ta’ dak suespost, jirrizulta bl-aktar mod car li s-sentenza hawn appellata hija gusta u timmerita li tkun ikkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti;

Ghal dawn ir-raginijiet kollha l-appellati Kunsill Lokali Hamrun qed jitolbu li din il-Qorti tichad l-appell odjern u tikkonferma d-decizjoni in kwestjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Marzu 2012 bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Rat** il-kontenut tal-verbal tal-10 ta’ Dicembru 2012.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kompilti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn sentenza tas-26 ta' Marzu, 2012 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Fl-avviz li ta’ bidu lil dawn il-proceduri l-atturi s-socjeta’ Bonnici Brothers Limited talbet li l-konvenuti l-Kunsill Lokali tal-Hamrun jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ elfejn seba’ mija u erbghin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm2740.96) ekwivalenti ghal erbat elef seba’ mija u sebghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€4770.46) bilanc ta’ somma akbar rappresentanti l-hlas ghal xoghlijiet imwettqa mis-socjeta’ attrici ai termini ta’ tender bl-isem Tender for the resurfacing of various roads in Hamrun.

Da parti taghhom il-konvenuti Kunsill Lokali tal-Hamrun eccepew fl-ewwel lok l-intempestivita’ tal-azjoni stante li huma ghadhom qed jistennew il-konkluzjonijiet ta’ rapport li kellu jistabilixxi jekk ix-xoghol in kwestjoni maghmul mis-socjeta’ attrici kienx ta’ kwalita’ tajba u l-istess socjeta’

kienet giet infurmata b’dan permezz ta’ ittra ufficjali. Fi kwalunkwe kaz il-konvenuti eccipew li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti a dannu tal-istess konvenuti.

Il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet din il-vertenza billi cahdet l-ewwel eccezzjoni ta’ intempestivita, izda laqghat it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Kunsill Lokali Hamrun u ddikjarat li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u b’hekk it-talba rti ddekretat li kull parti kella tbati□attrici giet michuda. L-istess Q l-ispejjes taghha.

L-atturi Bonnici Bros Limited qed jappellaw minn din is-sentenza.

L-imsemmija appellanti fir-rikors tal-appell taghhom jindikaw bhala l-ewwel aggravju taghhom il-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi. L-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti erroneament ibbazat is-sentenza taghha esklusivament fuq il-konklużjonijiet tekniċi tal-Perit Samuel Formosa li kien gie inkarigat mill-Kunsill appellat. F’dan ir-rigward l-appellanti jikkontendu li l-imsemmi Perit spezzjona x-xogholijiet in kwestjoni iktar minn erba’ (4) snin wara li l-istess xoghol tlesta mill-appellanti. Inoltre l-istess rapport kien gie redatt qabel ma sar xoghol rimedjali u ghalhekk l-istess rapport ma jippresentax stampa reali tal-istess xogholijiet.

B’din is-sottomissjoni l-appellanti qed jikkonfermaw li x-xoghol kien sar b’mod hazin tant li kellhom isiru xogholijiet rimedjali. Inoltre minhabba li ir-rapport sar qabel ma saru xogholijiet rimedjali, jista jinghad li bl-istess rapport inghatat stampa reali tax-xogholijiet kollha kif esegwiti mill-appellanti.

F’dan ir-rigward, dejjem skond l-appellanti, fi kwalunkwe kaz kien il-Kunsill konvenut li kellu jipprova li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa. L-appellanti hawnhekk jaghmlu referenza ghad-deposizzjoni ta’ Dottor Luciano Busuttil li kien is-Sindku tal-Hamrun fiz-zmien pertinenti.

Effettivament l-imsemmi xhud ikkonferma li x-xoghol in kwestjoni ma sarx skond is-sengha u minhabba f’hekk l-

ilma kien qed jaqleb fid-direzzjoni ta’ residenzi, u ma komplix jippenetra fid-djar mhux minhabba x-xogholijiet rimedjali li saru mill-appellanti izda minhabba akkorgimenti ohra li kienu saru mill-istess appellati. Semmai, ghalhekk, is-sitwazzjoni giet irrangjata mhux bix-xogholijiet rimedjali li ghamlu l-appellanti izda b’xogholijiet ohra li ghamlu l-appellati.

Fi kwalunkwe kaz l-ilment tal-appellanti kien li sar apprezzament zbaljat tal-provi. Hu ormai assodat li Qorti ta’ revizjoni ma tergax tgharbel il-provi jekk l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi tkun saret b’mod gust u ragjonevoli mill-ewwel Qorti. Inoltre l-ewwel Qorti kella kull dritt li tistrieh fuq dak li qal xhud wiehed partikolari u b’hekk setghu ukoll jigu skartati deposzzjonijiet ta’ xhieda ohra u provi ohra.

Aggravju iehor tal-appellanti jirrigwarda l-ammonti in kwestjoni. L-appellanti, f’dan ir-rigward jippremettu li jidher li l-bilanċ li kien ghadu dovut mill-appellati Kunsill L-okali tal-Hamrun kien qed jinżamm mill-istess appellati bħala garanzija sakemm jiġu verifikati l-varji kwistjonijiet sollevati mir-residenti li kienu qed isofru xi dannu minhabba x-xogholijiet in kwestjoni. F’dan ir-rigward l-appellanti jsostnu li issa m’ghadx hemm il-bzonn li dawn il-flejjes jibqghu hekk mizmumin. Skond l-appellanti mill-provi ma jirrizultax li l-appellati sofrew xi dannu, u inotre l-appellati ma ghamlu ebda kontro-talba sabiex tibqa mizmuma l-imsemmija somma.

L-ewwel Qorti wara li, gustament, wasslet ghall-konkluzjoni li l-appellanti ma haddmux ix-xogholijiet in kwestjoni bid-dovuta sengha u arti, qieset li kellu jitnaqqas ammont minn dak li kellu jithallas lill-appellanti bhala prezz tax-xogholijiet, li kellhom isiru biex jigu rimedjati d-difetti. Dana peress li l-Qorti qiset li l-appellati kellhom jigu kkompensati appuntu ghall-ispejjez li ghamlu l-Kunsill Lokali biex jigu rrangjati n-nuqqasijiet kollha li kien hemm. Ghalhekk l-istess l-ewwel Qorti kkonsidrat, kif gia rilevat, li l-appellanti ma hadux il-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jigi assigurat li x-xogholijiet isiru sewwa. Il-Qorti rrimarkat li biex jigi evitatat l-ingress tal-ilma fid-dar taghhom, residenti partikolari kellhom jibnu cint li

probabilment ikollu jibqa hemm sakemm il-problemi li hemm jigu rizolti permanentement.

Il-Qorti kkonsidrat li x-xoghlijiet li ghamlu l-appellanti wasslu sabiex il-livell tat-triq ghola u b'hekk l-ilma tax-xita kien jaqbez facilment il-bankina u jippenetra fir-residenzi fit-trieq.

F'dan ir-rigward il-Qorti ghamlet referenza ghall-imsemmija somma li nzammet bhala garanzija mill-appellati u kkonsidrat li biex wasslu ghall-imsemmija somma l-appellati zammew kont li tali ammont kien dak necessarju apuntu sabiex jigu rimedjati l-istess nuqqassijiet. In effett dan l-ammont hu l-istess ammont li qed jintalab mill-appellanti fir-rikors promotur taghhom.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti d-decizjonijiet li wasslet ghalihom l-ewwel Qorti huma kollha legittimi u ben ibbazati fuq ir-rizultanzi. Kosegwentement is-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata fit-totalita' taghha u dan l-appell tas-socjeta' Bonnici Bros. Limited jisthoqqlu li jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti Bonnici Bros. Limited u b'hekk tikkonferma in toto s-sentenza appellata cioe' dik tas-26 ta' Marzu, 2012 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

L-ispejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------